Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 177/2018

Il-Pulizija

Spettur Sergio Pisani

Vs

Mario Camilleri

Illum 6 ta' Novembru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Mario Camilleri detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 758060M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar it-28 ta' Marzu 2018 ghall-habta ta' 2:40 p.m., fil-jiem, gimghat, xhur ta' qabel gewwa Triq l-Imdina, Qormi, u bnadi ohra f' dawn il-gzejjer, b'diversi atti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda kif dedott fl-Artikolu 18 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Kiser kundizzjoni tal-libertà provizorja imposta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr. Grazio Mercieca LL.D. nhar il-15 ta' Jannar 2018, b'dan illi naqas milli jobdi l-ordni li ma jsuq l-ebda vettura ta' kwalsiasi xorta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kiser kundizzjoni tal-libertà provizorja imposta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr. Grazio Mercieca LL.D. nhar il-15 ta' Jannar 2018, b'dan illi ma jikkomettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bil-mutur ta' l-ghamla KYMCO Agility 125 bin-numru ta' chassis LG2C20000G2500178 assenjat bin-Numru ta' Registrazzjoni CCE-474 minghajr licenza tas-sewqan, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi uza vettura bil-mutur ta' l-ghamla KYMCO Agility 125 bin-numru ta' chassis LG2C20000G2500178 assenjat bin-Numru ta' Registrazzjoni CCE-474 fit-toroq meta ghall-uzu tal-vettura minnu ma kienx hemm fis-sehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni bi ksur ta' l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel uzu minn numru ta' identifikazzjoni xort' ohra minn dak moghti mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan bi ksur ta' l-Artikolu 15(1A) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta serq ta' vettura bil-mutur tal-ghamla KYMCO Agility 125 bin-numru ta' chassis LG2C20000G2500178 assenjat bin-Numru ta' Registrazzjoni CCE-474, bil-hsieb li jroddha minnufih u dan bi ksur ta' l-Artikolu 288 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew imobbli u cioè ghamel hsara lill-proprjetà tal-Gvern ta' Malta, liema valur tal-hsara ma jiskorrix l-hamsin Ewro (€50), bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, baghbas, nehha, jew biddel numru ta' l-identifikazzjoni fuq vettura bil-mutur;

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta reat waqt li kien taht ordni operattiv ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta presjeduta mill-Magistrat Dr. J. Demicoli LL.D. nhar il-18 ta' Mejju 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

10. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodi operattivi ta' sentenzi sospizi ta' prigunerija, liema sentenzi nghataw mill-Magistrat Dr C. Galea LL.D. nhar it-3 ta' Marzu 2016 u mill-Magistrat Dr I. Farrugia LL.D. nhar il-31 ta' Mejju 2016 u li saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula;

11. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv wara li gie ikkundanat ghal-reat b'diversi b'sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta, diversament presjeduti liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula u dan ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq, u dan skond l-Artikolu 15(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputat u kif ukoll tarresta lill-imputat mill-gdid.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-9 ta' April, 2018, fejn il-Qorti wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 28B, 49, 50, 288, 289, 325(1) (b) u (c) u 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 15(1)(a) u 15 (1A) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3(1) u (2)(b) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta'

Malta u r-Regolament 44(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02, il-Qorti filwaqt li tenniet li qed tillibera lill-imputat mid-disa' akkuza migjuba fil-konfront tieghu:

1. Tenniet li qed issib lill-imputat hati tat-tielet, raba', hames, sitt, seba', tmien u hdax-il akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal perjodu ta' ghaxar (10) xhur prigunerija;

2. A tenur tal-Artikolu 15(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, skwalifikat lill-imputat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' ghaxar (10) xhur mid-data ta' din is-sentenza;

3. Tenniet li qed issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u filwaqt li rrevokat *contrario imperio* id-digriet ghall-helsien mill-arrest datat 15 ta' Jannar 2018 u ordnat l-arrest mill-gdid tieghu, ikkundannatu ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija. Il-Qorti in oltre ordnat li d-depozitu ta' ghaxart elef Euro (€10,000) u l-garanzija personali ta' ghaxart elef Euro (€10,000) jigu konfiskati a favur il-Gvern ta' Malta; u

4. Tenniet li qed issib lill-imputat hati tal-ghaxar akkuza dedotta fil-konfront tieghu izda, fid-dawl tal-ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, ghazlet li tittratta fil-konfront tal-imputat billi a tenur tal-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bidlet l-ordni originali moghti fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija v. Marius Camilleri**" pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr. Charmaine Galea LL.D. fit-3 ta' Marzu 2016 u minflok il-perjodu operattiv ta' sentejn (2) hemm stabbilit, stabbiliet perjodu operattiv ta' tliet (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza **u** bidlet l-ordni originali moghti fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Marius Camilleri" pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr. Ian Farrugia LL.D. fil-31 ta' Mejju 2016 u minflok, il-perjodu operattiv ta' erba' (4) snin originarjament dekoribbli mid-data ta' dik is-sentenza issa jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.

In kwantu rigwarda t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi kkundannat ihallas l-ispejjez relattivi ghan-nomina ta' Esperti a tenur tal-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba stante li

f'dawn il-proceduri ma gew nominati l-ebda Esperti u ma tressqet l-ebda prova dwar in-nomina ta' Esperti f'kuntest ta' Inkjesta.

In fine l-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-Avukat Generali entro t-terminu prefiss fil-Ligi ta' sitt ijiem tax-xoghol.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mario Camilleri, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' April 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija (Spettur Sergio Pisani) vs Mario Camilleri tad-9 ta' April 2018 fis-sens li tikkonfermaha in kwantu din sabet lill-appellant mhux hati tad-disa' (9) akkuza migjuba kontrih, u lliberatu minn tali akkuza, u in kwantu sabitu hati tal-akkuzi 1, 2, 3, 4, 5, 7, 8, 10 u 11 izda tirrevokaha in kwantu din sabitu hati tas-6 akkuza kif ukoll in kwantu infliggiet pieni u ordnijiet iebsa, b'dan li tikkundannah ghal sanzjonijiet aktar miti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Mario Camilleri huma s-segwenti u cioe`:-

1. Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda s-sejba tal-htija tal-esponent fir-rigward tas-sitt akkuza. Kif inghad, l-esponent ma kienx qed jaqbel ma' numru ta' akkuzi li sarulu, pero` accetta li jirregistra ammissjoni wara li l-Ufficjal Prosekutur qabel li jirtira l-akkuza numru sitta (6), kif jirrizulta car mill-verbal tas-seduta tad-29 ta' Marzu 2018. Minkejja li s-sitt akkuza giet irtirata (u allura l-ammissjoni ma tirreferix ghaliha) l-Ewwel Onorabbli Qorti sabitu hati ta' din is-sitt akkuza u kkundannatu ghaliha wkoll.
2. Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-piena erogata ghas-sejba tal-htija fir-rigward tal-akkuzi numri 3, 4, 5, 6, 7, 8 u 11. Bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju rigwardanti s-sitt akkuza u dak li gie sottomess hemmhekk, il-kumplament tal-akkuzi huma akkuzi li solitament, fis-seduta tat-traffic u fis-seduta tal-collisions, l-imputati jigu kkundannati ghal multa, u mhux ghal sentenzi ta' prigunerija. Huwa inspjegabbli kif ghal akkuzi li l-Qorti tal-Magistrati

diversament presjeduta tiffaccja bil-mijiet u tikkundanna permezz ta' multi, hawnhekk mhux biss il-Qorti m'ghazlitx li tinfliggi multa bhal ma kwazi dejjem isir anke meta l-akkuzati ma jammettux il-htija taghhom, talli marret ghal piena ta' prigunerija effettiva wisq harxa, u dan minkejja li ghalkemm kellu diversi riservi, l-esponent ghazel li jammetti l-akkuzi kollha biex jikkopera mal-prosekuzzjoni u jiffranka hin prezzjuz tal-Qorti. B'kull rispett jinghad li anke kieku *dato ma non concesso* l-esponent ghazel li ma jammettix u sussegwentement instab hati, ukoll il-piena ta' ghaxar xhur prigunerija hija esagerata u ingusta.

3. Illi t-tielet aggravju jirrigwarda l-piena erogata u l-ordnijiet moghtija in segwitu ghas-sejba tal-htija tal-1 u t-2 akkuzi. Mill-gdid ghandu jigi sottolineat li ghalkemm l-esponent zbalja meta saq mutur biex imur jiffirma l-bail book fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi, dan in-nuqqas gie instigat mill-premura li l-esponent hass li ghandu jmur jiffirma l-bail book, u l-paniku li qabdu meta beda jahrablu l-hin u beza' li ma kienx ser jirnexxielu jaghmel dan. Il-prosekuzzjoni pprezentat il-bail book u dan jikkonferma li l-esponent gie arrestat hekk kif kien ghadu kif mar jiffirmah.

   Mill-gdid jigi nnotat li minkejja li d-dnub tal-esponent kien wiehed venjali, frott ta' paniku u ebda intenzjonijiet hziena ulterjuri, l-Ewwel Qorti stranament uzat id tal-hadid u nfliggiet il-piena massima u s-sanzjonijiet l-aktar severi li kellha ghad-disposizzjoni taghha: piena massima, ri-arrest tal-imputat, konfiska tad-depozitu (li gia' kien wiehed iebes ta' €10,000) u l-konfiska tal-garanzija (li wkoll kienet wahda iebsa ta' €10,000). Certament dawn is-sanzjonijiet kollha mhumiex proporzjonati mid-"dnub" li ghamel l-esponent. Kieku l-esponent saq vettura biex mar jisraq jew mar iwegga' lil xi hadd, wiehed kien jifhem li dan il-ksur tal-kundizzjoni tal-helsien mill-arrest ghandha timporta piena li tkun eqreb lejn il-massimu, pero` li l-esponent kiser din il-kundizzjoni proprju biex ihares kundizzjoni ohra li kienet imposta fuqu zgur ma jimmeritahx piena iebsa, inqas u inqas il-massimu, bis-sanzjonijiet kollha. Aktar minn kull haga ohra, pjuttost kienet tkun xierqa piena aktar vicin ghall-minimu.

Rat l-atti kollha tal-kaawza inkluz id-dokumenti kollha esebiti.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2018 (fol. 10) u cioe' li l-ispettur Sergio Pisani kien qed jirtira is-sitt akkuza u dan qabel ma halef l-akkuzi migjuba kontra l-imputat illum appellant.

Rat illi f'dik l-istess seduta l-imputat qua appellant kien irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u dan minkejja li l-ewwel Qorti tatu zmien xieraq sabeix jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.

Rat dak verbalizzat mid-difiza fis-seduta tal-4 ta' April 2018 fejn stqarr li ma kienx qed jikkontesta l-fatt li s-sentenzi esebiti inghataw fil-konfront tal-imputat illum appellant.

Rat ukoll ic-certifikat mediku markat bhala dok LC1, esebit minn Dr Cushieri ghan-nom tal-appellant fis-seduta tal-4 ta' April, 2018 mahrug mit tabib tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin dwar griehi li l-appellant kellu f'riglejh u li jikkontendi li a kawza ta' tali griehi l-istess imputat ma setghax imur bil-mixi sal-ghassa ghal fini biex jiffirma skond id-digriet ghall-helsien mill-arrest.

Ikkunsidrat,

Jidher li f'din il-kawza l-appellant kien irregistra ammissjoni fl-ewwel opportunita' li giet mghotija lilu u cioe' mal-prezentata pero' minkejja dan interpona appell ghaliex qed jikkontesta il-piena inflitta mill-ewwel Qorti ghaliex fl-ewwel lok jemmen li ma setghax jinstab hati tas-sittt akkuza stante li din kienet giet irtirata mill-prosekuzzjoni qabel ma inqraw l-artikoli waqt li fil-fehma tieghu il-piena li inghatat dwar l-akkuzi l-ohra kienet hija wahda eccessiva. Fil-fatt fl-appell tieghu jghid is-segwenti fit tieni aggravju tieghu:

*" Huwa inspjegabbli kif ghal akkui li l-qorti tal-Magistrati diversament preseduta tiffccja bil-mijjiet u tikkundanna permezz ta' multi, hawnhekk mhux biss il-Qorti m'ghazlitx li tinfliggi multabhal ma kawzi dejjem issir anke meta l-akkuzat ma jammetux il-htija taghhom, talli marret ghal piena ta' prigunerija effettiva wisq harxa u dan minkejja li ghalkemm kellu diversi riservi, l-esponent ghazel li jammetti l-akkuzi kollha biex jikkopera mal proskeuzzjoi u jiffranka hin prezzjuz tal-Qorti."*

Jinghad bla tlaqliq qabel ma din il-Qorti titratta ma l-aggravji tal-appellant li l-paraguni huma odjuzi u fil-kriminal kull kaz ghandu l-fatti specie tieghu u kull Qorti timxi kif jidhrilha hi dejjem fl-interess tal-Gustizzja purche' s-sentenzi taghha ikunu fil-parametri tal-ligi.

Bhalma qalet din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jonathan Attard**[1] moghtija fis-26 ta' Mejju 2001:

*"Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kienitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk ilpiena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat."*

Illi dan il-hsieb gie ukoll konfermat ricentenemet minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijeit **Il-Pulizija (Spettur Godwin Scerri) Vs Annabelle Camilleri Monreal**[2] fejn intqal is-segwenti:-

[1] Deciza fis-26 ta' Mejju 2004.

[2] Deciza fil-5 ta' Lulju 2018.

*"Kif wisq drabi ritenut minn din il-Qorti, ma huwiex normali li qua Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata"*[3]

Kif gie ritenut minn dawn il-Qrati u b'mod partikolari mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**[4]", l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-Qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran segwenti mill-BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) :-

*"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established , the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender . An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender*

[3] **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**. 2.10.2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano** 13.11.2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella** 14.6.1999 u **r-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina** 24.4.2003 kif citati fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo** 3.12.2015

[4] Deciza fil-5 ta' Lulju 2002

*has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons , such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence , and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain …..″*

Ikkunsidrat ulterjorment,

Illi dwar l-ewwel aggravju u cioe' li l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tas-sitt akkuza meta din l-akkuza kienet giet irtirata mill-prosekuzzjoni l-appellant ghandu ragun jappella u ghalhekk l-ewwel Qorti messha ddikjarat li mhiex ser tiehu konjizzjoni ta' tali akkuza stante li giet irtirata qabel ma gew mahlufa l-akkuzi u ghalhekk fil-mument meta l-imputat tressaq il-Qorti dik l-akkuza gia ma kienitx hemm. Konsegwentment ser ikun hemm varjazzjoni fis-sentenza appellata f'dan ir-rigward.

Dwar dik il-parti tas-sentenza moghtija tal-ewwel Qorti fejn sabet lill-appellant hati tat-tielet, tar-raba, tal-hames, tas-sitt, tas-seba', tat-tmien u tal-hdax-il akkuza jinghad li l-appellant gie kkundannat ghaxar xhur prigunerija effettiva .

Jinghad is segwenti:-

Dwar it-**tielet** akkuza u cioe talli saq vettura bil-mutur tal-ghamla KYMCO minghajr licenzja tas-sewqan naxxenti mill-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 jinghad li l-piena

stabilita mill-ligi f'kaz ta' htija hija *"il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerijata' mhux iżjed minn sena"*.

Dwar ir-**raba'** akkuza u cioe' li saq vettura fi triq pubblika meta ma kienitx koperta b' polza ta' sigurta liema reat hu naxxenti mill-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 f'kaz ta' htija jinghad li l-piena hi *"fil-każ tal-ewwel reat, multa ta' mhux anqas elfejn,tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletinċenteżmu (€2,329.37) iżda ta' mhux iżjed minn erbatelef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa usebgħin ċenteżmu (€4,658.75) jew priġunerija għalżmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien"*

Dwar il-**hames** akkuza u cioe' li ghamel uzu minn numru ta' identifikazzjoni xort' ohra minn dak moghti mill-Awtorita dwar xi vettura naxxenti minn l-artikolu 15(1A) tal-Kapitolu 65 f'kaz ta' htija il-piena hi *"multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro(€1,200) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jewgħal dik il-multa u priġunerija flimkien"*.

Dwar is-**seba'** akkuza u cioe talli volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor liema valur ma jiskorrix il-€50 naxxenti mill-artikolu 325 (1) (c) il-piena f'kaz ta' htija *"jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri l-mitejn u ħamsin euro (250), il-piena ta' priġunerija għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur"*

Dwar it-**tmien** akkuza u cioe' talli fl-istess data u cirkostanzi minghajr l-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija b'xi mod li jkun baghbas, nehha jew biddel numru ta' identifikazzjoni fuq vettura bil-mutur naxenti mill-artikolu 44 tal-Legislazzjoni Sussidajarja 368.02 f'kaz ta' htija il-piena hi *"dik ta' multa ta' mhuxiżjed minn elf u mitejn euro (€1,200), jew priġunerija għal żmienta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerijaflimkien, sakemm ma tkunx tapplika penali ogħla taħt xi liġi oħra,f'liema każ il-Qorti għandha tapplika dik il-penali oħra jew din il-penali miżjuda bi grad jew b'żewġ gradi, skont liema waħda hi l-ogħla"*.

Dwar il-**hdax-il** akkzua u cioe dik tar-recidiva jinghad li skond l-artikolu 50, f'kaz ta' htija l-akkuzat jista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għaldak id-delitt ieħor.

Ghalhekk fid-dawl tas-suespost l-piena inflitta mill-ewwel Qorti taqa fil-parametri tal-ligi.

Illi huwa minnhu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal-każ **Il-Pulizija vs. Spiru Muscat**[5] l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta sostniet:

> *"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-*forma mentis* tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[6] , **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[7] **u Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino**

---

[5] Deciza mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011)

[6] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003

[7] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).

**Bezzina**[8] . Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard**[9], fejn il-Qorti qalet li:

> *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezam*[10]*i, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi*[11]*."*

Illi r-raison d'être ta' dan l-aggravju, mhuwiex li tiġi nflitta xi piena ħarxa u ezemplari fuq l-appellat. Hawnhekk l-esponent mhux qed ifittex il-'pound of flesh' iżda li tiġi inflitta l-piena kif prevista mil-Liġi stess. L-unika motivazzjoni li għandhu l-esponent sabiex iressaq dan l-Aggravju hi li tiġi mħarsa r-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja, fis-sens li l-piena nflitta għandha tkun għall-inqas il-minimu ta' dik kontemplata fil-Liġi. L-esponent ovvjament mhux ser jidħol fil-mertu jekk il-piena għandiex tingħata fil-minimu jew le – dik diskrezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, wara li tkun semgħat il-kaz odjern. Inoltre, d-diskrezzjoni tal-Qorti fl-għoti tal-piena għandha tiġi eżerċitata fil-parametri li tipprovdi l-Liġi stess, altrimenti ma jkollniex is-saltna safja tad-dritt.

X'inhuma ir-ragunijiet il ghaleix fil-fehma tal-appellant huwa ma kellux jingahta din il-piena huma dawk riflessi fit-tieni aggravju tieghu u cioe li stante li dawn l-akkuzi

---

[8] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

[9] Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001

[10] enfasi tal-esponent

[11] enfasi tal-esponent

jaqghu fil-kompetenza originarja ta' l-ewwel Qorti, l-Qorti messha ghaddiet u mponiet multa u mhux tat-sentenza ta' prigunerija. Bir-rispett kollu l-kwisjtoni tal-piena hija imhllija f'idejn il-gudikant li ghandu jiddecidi. L-uniku parametri li hu marbut bih il-gudikant hu dak li johrog mill-ligi u cioe' li jimponi piena li taqa' bejn il-minimu u massimu taghha. Din ma kienitx kwisjtoni fejn il-Qorti kellha xi ragunijiet speċjali u straordinarji fejn setghet tizsel taht il-minimum kif dispost fl-artikolu 21 tal-Kodici Krminali.

Ghalhekk il-piena inflitta mill-ewwel Qorti fir rigward ta' dawn is-sebgha akkuzi qed tigi konfermata.

Dwar is sejbien ta' htija fir-rigward l-ewwel u t-tieni akkuza jinghad is segwenti:-

L-appellant gie akkuzat talli kiser kundizzjoni tal-liberta provisorja imposta mill-Qorti tal-Magistrati ( Malta) preseduta mill-allura Magistrat llum Onorevoli Imhallef Grazio Mercieca nhar il-15 ta' Jannar 2018 b'dan illi naqas li jobdi l-ordni li ma jsuq l-ebda vettura ta' kwalsiasi xorta u li ma jikkomettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest dan bi ksur tal-artikolu 579 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan is sub artikolu jipprovdi is segwenti:-

> "*Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta'* <u>*multa jew ta' priġunerija għal żmien ta'erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien*[12]</u>"

Illi ma hux minnu ghalhekk li l-ewwel Qorti imponiet il-massimu permess mill-ligi meta kkundannat lil-appellant prigunerija ta' sitt xhur, ppittost li resqet lejn il-minimu taghha. Illi in vista tal-fedina penali tal-imputat li hija wahda reflettarja hafna u li minkejja li kiser dufrejgh mal-ligi f'diversi okkazzjonijeit u inghata diversi pieni differenti ma tghallimx mill-esperjenzi tieghu u ma gharafx jisfrutta l-opportunitajiet li nghata tant li sahansitra anke nghta il-liberta provisroja darbtejn fl-

[12] Enfasi ta' din l Qorti

istess kawza l-Qorti thoss li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward kienet wahda ekwa u msithoqqa fic-cirkostanzi

Huwa minnu pero' li ordnat il-konfiska tal-flejjes moghtija mill-appellant bhala garanzija personali fl-ammont ta' €10,000 u fil-konfront ta' depositu ta' €10,000 euro ighaddu favur il-Gvern ta' Malta. Dwar il-konfiska tal-flejjes l-Qorti taghmel referenza ghal kliem tal-ligi u appuntu ghal dak li hemm indikat fis-sub inciz (2) tal-aratikou 579 tal-kodici kriminali li jghid li l-Qorti f'kaz ta' htija ghandha ukoll tordna li " *l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija* ***ghandu***[13] *jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta*" Dan ifisser li l-Qorti m'ghandhiex diskrezzjoni izda ghandha tordna il-konfiska bhala konsegwenza tal-ksur tar-reat u bhala kosnegwenza tal-piena.

Dwar il-ghaxar akkuza u cioe' li l-appellant kkometta reat punibbli bi prigunerija waqt perijodu operattiv ta' sentenzi sospizi ta' prigunerija liema sentenzi inghataw mill-Magistrat Dr. Charmaine Galea nhar it 3 ta' Marzu 2016 fejn gie kkundannat ghal prigunerija ta' sitt xhur sospiza ghall- perijodu operaattiv ta' sentejn (2) hemm stabilit tistabilixxi perijodu operattiv ta' tlet (3) snin dekorribli mid data ta' din is-sentenza u tibdel l-ordni moghtija fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Marius Camilleri** moghtija mill-Magistrat Dr Ian Farrugia nhar il-31 ta' Mejju 2016 fejn gie ikkundannat ghal sentejn (2) prigunerija sospiza ghall erbgha (4) snin originarjament dekoribbli mid-data ta' dik is sentenza issa tali perijodu ta' ergbha snin prigunerija sospiza jibda jiddekorru mid data ta' din is sentenza. Illi din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tvarja din il-parti tad-decisjoni moghtija mill-ewwel Qorti stante li in effetti l-ewwel Qorti gja kienet wisq hanina mal-appellant konsiderando il-fedina penali tieghu li qisha bibbja mimlilja reati registrati fuqha.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tilqa' l-appell tal-appellant fir-rigward fejn sabet lill-imputat hati ta' sitt akkuza u minflok qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha stante li din giet irtirata mill- prosekuzzjoni qabel ma gew mahlufa l-akkuza pero' fir

[13] Enfasi ta' din il-Qorti

rigward tal-kumplament tas-sentenza tikkonfermaha fl-intier taghha kemm firrigward tas-sejba ta' htija anke firrigward tal-piena inflitta.

Qiegdha ukoll tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ordnat l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghall-perijodu ta' ghaxar xhur mill illum f'12.00a.m.

Qieghda ukoll tikkonferma dik il-parti fejn tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-appelllnt biex ihallas l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti peress li f'dawn il-proceduri il-prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova dwar in-nomina ta' esperti f'kuntest ta' inkjesta jew quddiem din l-istess Qorti.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur